MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2002

Numru. 45/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Micallef**
**V**

**KEVIN ELLUL BONICI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN ELLUL BONICI** ta' disgha w tletin sena bin Saviour Arthur u Dolores nee Attard Portughes, imwieled Tas Sliema nhar t-tnax ta' Frar, 1961 u joqghod 38, 'Firewater', Triq Censu Busuttil, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 177361M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sitta ta' Mejju, 2000 f'xi hin bejn l-hamsa s-sitta ta' filghaxija f'Rahal Gdid, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq l-

vettura tal-ghamla Kia bin-numru ta' registrazzjoni LAE 625 nvoluntarjament laqat u tajjar lil Pierre Sant ta' sittax il-sena u kkagunalu feriti ta' natura gravi per durata skond kif ccertifika Doctor Adrian Spiteri MD fl-isptar San Luqa;

Talli fl-istess data, lok, hin u rickostnzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza u b'mod traskurat;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta kellha l-licenzja mhux rinovata ghas-snin 1999 u 2000;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza t'assikurazzjoni dwar r-riskji ta' terzi persuni;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi meta kien qed jaghmel uzu mill-imsemmija vettura u gara xi incident, naqas li jieqaf u jaghti l-partikolaritajiet tieghu, n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura u taghrif iehor; u

Talli b'hekk l-imputat Kevin Elul Bonici, Spettur tal-Pulizija, bhala ufficjal pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu d-dmir li jissorvelja sabiex dan ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u x-xhieda mressqa mid-Difiza.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 141, 226(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a)(2) u 18(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-MVR sezzjoni 67.

Ikkunsidrat:

Illi **l-imputat ghogbu jixhed f'dawn il-proceduri u minn jeddu** spjiega li nhar s-sitta ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija huwa kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Kia bin-numru ta' registrazzjoni LAE 625 minn Corradino Hill sejjer lejn l-Fgura u dan bi speed normali

fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Huwa lemah mill-boghod numru konsiderevoli ta' tfal fil-karreggjata tieghu minn fejn kien ser jghaddi.

Fuq in-naha tal-lemin tieghu kien hemm traffiku, hu resaq lejhom, gibed fuq il-karreggjata ta' barra u ghadda ma gembhom. Dak il-hin sostna li kellu t-tieqa tal-passiggier maghluqa waqt li tieghu kienet imnizzla u muzika mixghula.

Meta ghadda ma gembhom, f'xi hin sema speci ta' daqqa ta' satchel, hares lura mill-mera u ma ra xejn a normali tant li t-tfal li ghadda kienu qed jpaccpcu bejniethom, u ghalhekk ma tantx ta kaz il-hoss li kien sema u baqa sejjer d-dar.

Wara xi siegha jew siegha w nofs li kien d-dar, martu harget bil-vettura in kwistjoni u meta rritornat lura staqsietu jekk kienx laqat il-vettura. Hareg barra u ra l-mera tal-gemb ma kienetx hemmhekk. Dak l-hin pero ma assocjax dan in-nuqqas mal-hoss ta' Rahal Gdid li kien sema qabel.

L-ghada huwa mar jixtri u waqt li kien l-Ghassa gie avvicinat minn xi Pulizija li qallu li lejliet kien sehh *hit and run* u li l-vettura kienet waqghetilha l-mera fl-incident w it-tifel li gie mtajjar spicca l-isptar.

Huwa ghalhekk dahal l-Ghassa, ra l-mera, gharafha lil kienet tieghu u minnufih ammetta li kien hu nvolut fl-incident u quddiem l-avukat ta' missier il-vittma Piju Sant, huwa assuma r-responsabbilita tal-incident u ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-vittma Pierre Sant b'mod civili.

Huwa ammetta lli kien jaf li l-vettura li kien qed isuq ma kelliex licenzja tas-sewqan u ma kienetx koperta b'polza tas-sigurta peress li kienu skadew f'Dicembru, 1999.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil **Paul Sciberras,** rappresentant tal-Ufficju tal-Licenzji jixhed nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April, 2001 w **ikkonferma** li l-vettura tal-ghamla Kia

Esportage bin-numru ta' registrazzjoni AAE 625 tghajjat lil Girls Marketing Creating Limited u kellha l-polza ta' sigurta skaduta.

**L-allegat vittma Pierre Sant xehed** u spjiega kif sehh l-incident. Huwa qal li wara li hareg mill-iskola u kien qed jitkellem ma shabu, dar biex jinzel mill-bankina meta ntlaqat billi hass daqqa fuq gembu fuq in-naha tax-xellug. Fl-ebda hin pero ma hareg 'l barra mill-bankina. Mistoqsi kienx hemm tfal, x-xhud wiegeb li kien hemm hafna tfal hergin mill-ezamijiet tal-O Levels. Huwa qal li ntlaqat b'mera ta' vettura.

Illi din x-xhieda fortunatament ma giet kontradetta minn hadd.
Illi ghalhekk mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li kien l-imputat odjern li laqat lil Pierre Sant. Dwar il-griehi li sofra l-vittma u cioe li kienu ta' natura gravi per durata ma hemmx dubbju lanqas u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' Doctor Adrian Spiteri nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Jannar, 2001 ghaliex kkonferma li Pierre Sant kellu frattura fl-ghaksa li ddum aktar minn tletin jum biex toqghod u diversi abrazzjonijiet ta' natura hafifa.

Dwar din x-xhieda ma hemm ebda kontestazzjoni lanqas.

L-imputat sostna fid-difiza tieghu li huwa m'ghandux jinstab hati ta' dawn l-akkuzi ghaliex ma kellux mens rea u kollox kien rizultat ta' incident sfortunat.

Qabel xejn il-Qorti thoss li ghandha tirrileva li akkuzi dwar nuqqas ta' hlas ta' *insurance* u *road licence* jammontaw ghal kazi ta' *strict liability* u ghalhekk jissusistu ndipendentement mill-mens rea jew dolo tad-driver li jkun qed jaghmel uzu mill-vettura b'dawn in-nuqqasijiet.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha kif konfermata aktar tard mill-***Qorti tal-Appell Krminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru, 2000*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Beverley Sciberras** fejn jirrizulta li:

*"It is always the sole responsibility of any driver to be absolutely certain that all licenses and insurance policies are according to law and this prior to driving any vehicle"*

U ghas-sentenza ohra moghtija mill-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax ta' Frar, 2001*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Roderick Gerada** meta gie ritenut li:

*"Meta persuna ssuq vettura aktar w aktar meta din ma tkunx taghha, u li f'hafna kazijiet tkun qed tinsaq in konnessjoni max- xoghol taghha, r-responsabbilita li jigi verifikat jekk dik il-vettura heix regolarment licenzjata biex tinsaq fit-triq taqa unikament fuq dik il-persuna."*

Dwar t-tip ta' sewqan l-imputat stqarr li ma ngabet ebda prova mill-Prosekuzzjoni li ddeskriviet s-sewqan tieghu.

**Il-Prosekuzzjoni ressqet lil Pierre Sant jixhed** u jispjiega f'liema parti tat-triq kien meta ntlaqat u kif intlaqat. Illi huwa spjiega li fl-ekwati kien hemm hafna tfal hergin mill-ezamijiet.

L-imputat stqarr li qabel ma wasal ma gemb t-tfal, rahom minn distanza qabel. Spjiega li meta kien ma gembhom, sema hoss, dan nonostante ma waqafx jara x'kien gara u baqa sejjer bil-muzika mixghula.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud** fejn hemm tinghata <u>tifsira ta' sewqan traskurat u perikoluz</u> :

*"**Sewqan traskurat** [*negligent driving*] hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx l-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif wkoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun, jammontaw wkoll ghal sewqan traskurat."*

Filwaqt li <u>sewqan perikoluz</u> gie deskritt bhala:

*"**Sewqan li hu ta' perikolu** ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kien hemm dan l-perikolu wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-hin u l-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel."*

Ilil huwa minnu li ma jirrizultax li l-imputat kien ghaddej b'xi speed eccessiv jew mhux permess mill-ligi, pero huwa minnu wkoll li l-imputat ra t-tfal hergin mill-iskola sa minn hafna qabel.

Illi l-Qorti thoss li ma hax il-prekawzjonijiet necessarji u rikjesti mill-ligi biex jevita incident ta' din n-natura, ghaliex fil-fatt lanqas biss induna li kien laqat tifel fil-mument tal-incident. L-imputat induna b'dan l-incident l-ghada per accidens.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nazzareno Farrugia** fejn hemm referenza ghat-teorija ta' *res ipsa loquitur*.

*"This doctrine was stated to mean that an accident may by its natura be more consistent with its being caused by negligence for which the defendant is responsible than by other causes and that in such a case the mere fact of the accident is prima facie evidence of such negligence. In such a case the burden of proof is on the defendant to explain and to show that it occurred without fault of his own."*

Ghalhekk fil-kaz li qed jigi ezaminat il-fatti juru minnhom infushom tort tal-imputat prima facie. Bil-provi li nstemghu mhux talli dan ma helisx minn dik il-htija li l-fatti stess jixhtu fuqu imma gie aktar korroborat l-assunt tar-responsabbilita tieghu meta qal li huwa ra t-tfal fit-triq u ma hax prekawzjoni biex ma jolqothomx. Fl-ebda hin ma stqarr li t-tifel hareg ghal gharrieda jew li kien f'nofs t-triq.

Illi **xehed wkoll PS 1266 Noel Felice** kif jirrizulta a fol 64 tal-atti odjerni, fejn kkonferma li l-imputat huwa membru tal-Korp tal-Pulizija.

**Ghaldaqstant il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputat u konsegwentement qed ssib lil imputat KEVIN ELLUL BONICI hati taghhom u tikkundannah multa komplessiva ta' tlett mitt lira maltin.**

**Dwar l-iskwalifika jew sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan li f'dawn il-kazijiet hija l-konsegwenza tal-piena, il-Qorti rat c-cirkostanzi parltikolari tal-kaz, partikolarment li l-kaz in dezamina gie solvut minhabba l-onesta u integrita tal-istess imputat li kien huwa minn rajh li mar l-Ghassa u bla tlaqliq assuma r-responsabbilita tal-incident, illi ghamel tajjeb ghad-danni civili kollha li sofra l-vittma u ghalhekk fic-cirkostanzi jikkostitwixxu special reasons kif enuncjati fl-artikolu 3(2)(a) tal-Kap 104 u ghalhekk mhux ser tordna skwalifika jew sospenzjoni tal-licenzji.**

**Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, takkorda zmien lil imputat jhallas il-multa fuqu nflitta ta' tlett mitt lira maltin f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------